# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**David Peter Blundell**
**(K.I. 396772M)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2023,**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra **David Peter Blundell** ta' 46 sena, iben Walter u Carmen nee' Invorvaja, imwieled il-Pietà fl-1 ta' Settembru 1972 u joqgħod 53, Malitar, Flat 4, Triq il-Grammastri, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 396772M li, fuq talba tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, ġie akkużat talli nhar l-4 ta' Ġunju 2015, għall-ħabta ta' 12.30pm u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-fabbrika Construct Furniture, Qasam Industrijali, Luqa, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati danni fiżiċi, korrimenti jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa

raġonevolment prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap. 424;

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar il-31 ta' Jannar 2023 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-6 ta' Marzu 2023 id-difensuri tal-partijiet eżentaw lil din il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda u terġa' tara d-dokumenti u provi kollha preżentati quddiemha u li in kwantu ta' provi qegħdin jistrieħu fuq dak kontenut in atti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat ix-xhieda prodotta fil-proċeduri;

Rat l-Atti tal-Inkjesta dwar l-*in genere* ppreżentata in atti;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-każ *de quo* jirrigwardja inċident li seħħ fl-4 ta' Ġunju 2015 ġewwa l-fabbrika ta' Construct Furniture, Industrial Estate, Ħal-Luqa fejn impjegat tas-soċjetà Construct Furniture Company Limited, senjatament Matthew Bartolo korra gravement mal-magna tal-bibien u ttieħed l-isptar fejn sfortunatament, wara madwar siegħa, ġie ċċertifikat bħala mejjet.

Jirriżulta illi l-magna *de quo* hija tat-tip Shoda Numerically Controlled Router & Molder Machine. Din tikkonsisti minn sitt "heads" li jimxu fuq pjan wieħed (x-axis) li għandhom diversi funzjonijiet bħal "routing" u tqattigħ. Il-folji tal-injam jitpoġġew fuq mejda speċjali, formanti parti intergrali mill-magna, li għandha "suckers" tal-*vacuum* biex iżommu l-folja marbuta mal-mejda waqt li tkun qed tinħadem. Il-mejda timxi fuq pjan wieħed (y-axis)

biex b'mod ikkowordinat mal-"heads" tkun tista' tagħmel bieb sħiħ bid-disinnji u komplut bit-toqob għas-serratura.[1] Ix-xogħol fuq il-bieb jiġi programmat minn qabel u l-operatur tagħha jħaddimha minn *console* apposta li tinsab madwar ħames metri 'l bogħod mill-magna[2]. F'dan il-każ, il-*console* kien qiegħed fuq ix-xellug tal-magna.[3]

Ġie nnutat mill-espert nnominat fl-*in genere* Joseph Zammit illi waqt l-operat tagħha, il-magna, ossija *heads*, jimxu lejn il-lemin, tidħol ġo spazju limitat tant li t-travelling table, ossija mejda, jibqagħlha biss spazju kemm ma taħbatx mal-ħajt tal-fabbrika u mekkaniżmu ieħor tal-istess magna fuq il-lemin ġo *housing* kwadrat. F'dan l-ispazju limitat jidher li seħħ l-inċident fejn il-vittma inqabad bejn it-*travelling platform* u l-parti tal-ġenb tal-magna.[4]

Din il-magna hija ta' ċerta kobor u kienet armata fil-livell tal-basement tal-fabbrika. Quddiema għandha barriera ta' għoli ta' 92cm mill-art biex jillimita l-aċċess għal ħdejn il-magna minn quddiem, imma m'hemmx barriera għal min irid jidħol minn wara.[5] Fuq din il-barriera hemm tlett buttuni ta' emerġenza u hemm "gate interlock" li titfi l-magna minnufiħ jekk xi ħadd jiftaħ ix-xatba tal-barriera tas-sigurtà.[6] Il-magna kienet *operational* u għaddiet mit-testijiet kollha li għamel l-espert maħtur fl-*in genere* l-Inġinier Ray Spiteri. Il-ħin li kienet tirrikjedi sabiex tieqaf kompletament f'każ ta' inċident kien ta' 7 sekondi, li huwa ben fil-parametri stabbiliti internazzjonalment għal din it-tip ta' magna. Il-magna, però, ma kienitx *safe for use* peress li l-barriera, jew aħjar *safety fencing*, ma kienitx tkopri d-dawra kollha tal-magna.[7] Il-magna kienet titħaddem minn *control panel*

[1] Ara rapport ta' l-Inġinier Ray Spiteri ppreżentat bħala Dok "RS" a fol. 56 fl-Atti tal-*in genere*.
[2] Ara x-xhieda mogħtija mill-Inġinier Ray Spiteri fl-24 ta' Frar 2021, a fol. 130 tal-atti proċesswali.
[3] Ara Dok "DPB5" a fol. 25 u Dok "KG1" a fol. 42C tal-atti proċesswali.
[4] Ara rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit ppreżentat bħala Dok "JZ" a fol. 160 fl-Atti tal-*in genere*.
[5] Ara rapport ta' l-Inġinier Ray Spiteri ppreżentat bħala Dok "RS" a fol. 57 fl-Atti tal-*in genere*.
[6] Ibid.
[7] Ara x-xhieda mogħtija in kontro-eżami mill-Inġinier Ray Sptieri fl-24 ta' Frar 2021 a fol. 119 tal-atti proċesswali.

jew *console* separat u li, kif diġà ntqal, kien madwar ħames metri bogħod mill-istess magna.

Jirriżulta wkoll li l-akkużat, Peter Blundell, kien impjegat mas-soċjetà Construct Furniture Company Limited bħala mastrudaxxa fuq bażi *full time* sa mit-2 ta' Novembru 1998[8] u kellu esperjenza vasta fuq il-magni tal-fabbrika, inkluż il-magna *de quo*. Il-vittma, ċioè Matthew Bartolo, kien ukoll impjegat ma' din is-soċjetà. Filfatt hu ġie impjegat fit-12 ta' Jannar 2015 bħala *labourer*.[9] Peress li l-vittma kien għad kellu biss sbatax-il sena, huwa kien ikollu jkun taħt superviżjoni ta' ħaddiem ieħor ta' aktar esperjenza.[10]

Dakinhar tal-inċident fatali, il-vittma kien qed jaħdem taħt is-superviżjoni ta' l-akkużat.[11] Dakinhar l-akkużat daħal għax-xogħol għall-ħabta tal-04:00am[12] filwaqt li l-vittma daħal għall-ħabta tas-6.30am. Ix-xogħol li kellhom jagħmlu meta seħħ l-inċident kien jikkonsisti f'bieb u ftit qabel ma seħħ l-inċident il-vittma kien qed jassisti lill-akkużat iqiegħdu folja tal-injam fuq il-mejda tal-magna biex din tinħadem. L-akkużat kien l-operatur tal-magna u x'ħin il-folja kienet f'postha, l-akkużat kellu jmur fuq il-*console* sabiex jibda l-proċess tal-magna u jsir il-bieb.

Illi skont ir-rapport tat-tabib forensiku nnominat fl-*in genere* Dr. Mario Scerri, mill-ġrieħi li ġarrab jidher li l-vittma inqabad, possibbilment mill-ħwejjeġ, mill-magna li kkaġunatlu l-*crush injury*.[13] Ġie kkonfermat illi l-kawża tal-mewt tal-vittma kien l-inċident *de quo*.

Ikkonsidrat;

---

[8] Ara Dok "JS1" a fol. 48 tal-atti proċesswali.
[9] Ara l-kuntratt ta' Impjieg ppreżentat bħala dok "JA5" a fol. 378 fl-Atti tal-*in genere*,
[10] Ara x-xhieda mogħtija minn John Agius quddiem il-perit legali, a fol. 209 fl-Atti tal-*in genere*.
[11] Ara x-xhieda mogħtija minn John Agius quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-3 ta' Frar 2016, a fol. 504 fl-Atti tal-*in genere*,
[12] Ara x-xhieda mogħtija mill-akkużat quddiem il-perit legali, a fol. 216 fl-Atti tal-*in genere*.
[13] Ara r-rapport tat-tabib forensiku Dr. Mario Scerri a fol. 469 tal-procès-verbal.

Illi l-magna *de quo* hija ta' ċerta kobor u fuq in-naħa tax-xelluq, meta wieħed iħares minn faċċata, hemm il-*heads* li jimxu min-naħa għall-oħra. Fuq ix-xellug ukoll, iżda madwar 5 metri bogħod mill-magna, hemm il-*console* u min iħaddem il-magna mill-*console* għandu viżwal tajjeb ħafna tal-magna kollha. Bejn il-magna u l-*console* hemm il-barriera li testendi mal-faċċata u l-ġnub tal-magna iżda li ma jkomplix fuq wara tal-magna. L-inċident sfortunat seħħ fuq in-naħa l-oħra tal-magna, ċioè n-naħa tal-lemin tagħha. Jirriżulta li l-vittma spiċċa mabqud bejn il-mejda, li jiċċaqlaq skond id-disinn meħtieġ u parti oħra mill-istess magna bir-riżultat li ġismu ċċarat minn naħa ta taħt idejħ ix-xellugija sa madwar nofs żaqqu 'l fuq miż-żokkra. Kellu diversi ksur u tiċrit u meta ddaħħal l-isptar qalbu kienet diġà waqfet. L-isptar ipprovaw jirrisuxxitawħ għal madwar siegħa iżda kien kollu għal xejn.[14] Fis-1.30pm hu ġie ċertifikat bħala mejjet.

Illi fil-ħin tal-inċident, kien hemm biss l-akkużat u l-vittma joperaw il-magna. Ħaddiem ieħor tas-soċjetà, ċerta Clint Formosa, xehed li dakinhar tal-inċident hu kien fuq xogħol ieħor iżda niżel isfel fejn hemm il-magna *de quo* biex ikellem lil tal-lifter biex jieħu xi folji. Qal li hemmhekk ra lill-akkużat u lill-vittma jaħdmu fuq il-magna u staqsiehom jekk hux kollox sew u qalulu li iva kollox kien sew. Qal li hu ra lill-akkużat mal-*console* u ra l-vittma ma ġemb il-grada, in-naħa ta' barra tal-barriera tal-magna. Qal li sa dak il-ħin il-magna kienet miftija. Qal li hu baqa' miexi u sema lill-akkużat jgħid lill-vitma "int kollox sew?" u l-vittma rrispondieħ "kollox sew, Iva". Ma jafx però għal xiex kienu qed jirreferu għax kien b'dahru lejhom.[15] Dak il-ħin u sema l-magna tinxtegħel.[16] Hekk kif għaddew ftit sekondi u mexa madwar tlett metri sema lill-akkużat jgħajjat "Ow, Ow, Ow" dar u l-akkużat qallu biex jagħfas il-buttuna tal-emerġenza. Hu qabeż jiġri l-barriera biex jagħfas il-buttuna tal-emerġenza iżda l-magna kienet diġà mitfija għax laħaq tfiha l-akkużat. Minn hemmhekk hu mar jiġri fejn il-vittma, prova jkellmu iżda ma

[14] Ara x-xhieda mogħtija minn Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi fil-25 ta' Settemru 2019, a fol. 74 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda ta' Clint Formosa mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-23 ta' Mejju 2016, a fol. 614 fl-Atti tal-*in genere,*
[16] Ara x-xhieda ta' Clint Formosa mogħtija fil-25 ta' Settembru 2019, a fol. 86 tal-atti proċesswali.

bediex jirrispondieħ, u tela 'l fuq javża l-imgħallma tiegħu b'dak li kien seħħ.[17]

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel kwistjoni li din il-Qorti teħtieġ tindirizza hija is-sottomissjoni tad-difiża li permezz tagħha qed tikkwerela d-diċitura tal-akkuża unika miġjuba fil-konfront tal-akkużat. Id-difiża ppuntwalizzat li fiċ-ċitazzjoni oriġinali, filwaqt li l-prosekuzzjoni indikat b'mod ċar li qed tixli lill-akkużat bħala <u>ħaddiem</u> ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 424, hija ma llimitatx id-diċitura tal-akkuża għal dan is-subartikolu biss iżda kkonsolidat magħha d-diċitura tas-subartikolu 6(2) tal-Kap. 424, liema artikolu japplika għal <u>min iħaddem</u>. Jissottomettu li n-natura konfużjonarja tad-diċitura tal-akkuża turi biċ-ċar illi n-nuqqasijiet dedotti fil-konfront tal-akkużat għandhom, effettivament, iwieġbu għalihom is-sidien tal-fabbrika *qua* persuni li jikkwalifikaw bħala "min iħaddem".

Illi sottomissjoni simili diġà ġiet ikkunsidrata mill-qorti tal-appell fis-sentenza **Pulizija vs Stephen Buhagiar**.[18] Din il-Qorti ser tiċċita estensivament min din is-sentenza fejn ingħad illi:

> *"Illi dwar l-ewwel aggravju, jigi rilevat li l-akkuza hi espressament bazata fuq l-artikolu 7 (1) tal-Kap. 424. Issa ghalkemm id-dicitura tal-akkuza nnifisha tibda biex tirriproduci kwazi testwalment il-kliem tal-istess artikolu, pero' tkompli tghid: "u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u nqastu milli tiehdu l-misuri necessarji sabiex ir-riskju jigi ridott kemm hu ragjonevolment prattiku."(Sic!) Dan l-ahhar kliem ma jifformax parti mill-artikolu 7 (1), imma jirriproduci dak li jintqal fl-artikolu 6 (2) (e) tal-ligi li*

[17] Ara x-xhieda ta' Clint Formosa mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-23 ta' Mejju 2016, a fol. 614 fl-Atti tal-*in genere*,

[18] **Il-Pulizija vs Stephen Buhagiar**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Diċembru 2008, (Appell Krim. Nru 140/2008).

> *jirrigwarda espressament "il-mizuri li ghandhom jittiehdu **minn min ihaddem**".*
>
> *Issa huwa ovvju li rrizulta li l-appellant ma kienx "employer" imma impjegat ta' Polidano Group Ltd. u ghalhekk fil-konfront tieghu ma setghet tirrizulta qatt it-tieni parti tal-imputazzjoni. B' dana kollu certament kienet deducibbli fil-konfront tieghu l-ewwel parti tal-akkuza w cioe' dik li taqra: "…inqast milli thares s-sahha u s-sigurta' tieghek , kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir…"*
>
> *Ghalhekk l-ewwel aggravju hu fondat biss in kwantu l-Ewwel Qorti kellha targina ir-responsabbilta' li talvolta setghet tirrizulta mhux ghall-akkuza kif dedotta imma biss ghal dik il-parti tal-akkuza appena sottolinejata li taqa' taht l-artikolu 7 (1) li jittratta dwar id-"Dmirijiet tal-haddiema"*

Illi din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid mal-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell u se tagħmel dan l-insenjament bħala tagħha billi tillimita l-akkuża odjerna strettament għal dik il-parti li taqa' taħt l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 filwaqt li tiskarta għal kollox dik il-parti tal-akkuża li tirrelata għall-Artikolu 6(2) tal-istess Kap.

Illi di più, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ulterjuri tad-difiża illi b'din il-konfużjonalità fid-diċitura tal-akkuża, il-prosekuzzjoni addebitat lill-akkużat b'nuqqasijiet li għandhom iwieġbu għalihom is-sidien tal-fabbrika. Illi kif inhuwa risaput, iċ-ċitazzjoni m'hi xejn għajr "avvizo di comparire". Filfatt, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maurice Mario Gruppetta**[19] il-Qorti tal-Appell ikkwotat sentenza preċedenti fejn ingħad:

[19] **Il-Pulizija vs Maurice Mario Gruppetta,** Qorti tal-Appell Kriminali, 2 ta' Frar 2012, (Appell Krim. Nru 55/2011).

*"Fil-kawza il-"Pulizija kontra Joseph Farrugia", deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar 1995, il-Qorti kienet qalet 'L-imputazzjonijiet ma hemmx ghalfejn ikunu redatti fil-kliem testwali tal-Ligi.... ...Fil-kaz ta' citazzjoni mahrug mil-Pulizija ezekuttiva, din tirrekjedi biss il-fatti ta' l-akkuza (Artiklu 360 (2)) u dan bl-istess mod bhal meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni, din l-akkuza mehtieg li jkun fiha l-fatt tar-reat (Artiklu 374 (l) u Artiklu 375 (C)). Dawn il-fatti, naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew imaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb…*'

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-akkuża unika miġjuba kontra l-imputat tinkludi biżżejjed fatti sabiex hu jifhem biex inhuwa akkużat u għalkemm fl-akkuża hemm ukoll ikkwotati siltiet mill-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni qed tixħet responsabiltajiet mhux dovuti fuq l-akkużat. Filfatt id-direzzjoni tal-provi kollha prodotti hija lejn il-posizzjoni tal-akkużat *qua* ħaddiem u mhux *qua* persuna li tħaddem. B'hekk l-akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużat hija ċara u univoka u bbażata fuq is-subartikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit dan, is-subartikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

"**7.** *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir*."

Illi fid-Dibattitu fil-Kumitat Parlamentari rigward l-Abbozz ta' Liġi Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[20] miżum fit-18 ta'

[20] Abbozz Nru 63 mressaq fid-09 ta' Marzu 2000.

Ottubru, 2000[21], il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi qal, b'referenza għal dan l-artikolu, illi:-

> "*Jiġifieri wieħed jinduna mill-ewwel li l-kunċett huwa proprju li aħna jinteressana li l-ħaddiem jieħu ħsieb ta' saħħtu, imma jirrealizza wkoll li jkun qed jipperikola, jekk ma joqgħodx attent, mhux biss lilu nnifsu imma anke s-saħħa ta' ħaddiema sħabu, l-ewwel u qabel kollox, imma jista' jkun anke ta' persuni terzi.*"

Sussegwentement, waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2000, L-Onor. Lawrence Gonzi kompla jispjega illi: [22]

> "*Il-punt kruċjali ta' dan l-artiklu huwa dak li jingħad fl-ewwel subartiklu li kull ħaddiem għandu jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurta' tiegħu stess kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Illi dan l-artikolu jitfa' responsabbiltà fuq kull ħaddiem, kemm impjegat jew għal rasu, sabiex minbarra li jassigura li ma jpoġġix lilu nnifsu f'periklu, jara li b'dak li jkun ser jagħmel ma jpoġġix lil ħaddieħor f'periklu, irrispettivament minn jekk dak il-ħaddieħor huwiex impjegat jew terza persuna.

Illi huwa loġiku li fit-twettiq ta' dan l-obbligu, kull min ikun qed iwettaq xogħol għandu juża diliġenza raġjonevoli sabiex jara li l-azzjonijiet tiegħu ma jpoġġux lil ħaddieħor f'periklu. Id-diliġenza użata, madanakollu, għandha tkun proporzjonata wkoll għat-tip ta' xogħol li ser jitwettaq.

Ikkonsidrat;

[21] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, id-Disa' Parlament, Seduta Nru. 399, 18 ta' Ottubru, 2000 pġ. 669.
[22] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, id-Disa' Parlament, Seduta Nru. 407, 25 ta' Ottubru, 2000 pġ. 233.

Illi mill-provi prodotti rriżulta illi dakinhar tal-inċident, il-vittma kien għad kellu biss sbatax-il sena u kien ilu jaħdem mas-soċjetà Construct Furniture Company Limited għal ftit inqas minn sitt xhur. Irriżulta wkoll li dakinhar tal-inċident il-vittma kien qed jaħdem taħt is-superviżjoni tal-akkużat fuq magna li fiha ċertu periklu. Irriżulta wkoll li l-vittma kellu diġà ċerta esperjenza fuq il-magna *de quo* peress li kien diġà ħadem fuqha diversi drabi.

Illi mix-xhieda mogħtija mill-akkużat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti[23] jirriżulta li dakinhar, qabel ma seħħ l-inċident hu flimkien mal-vittma kienu poġġew folja tal-injam fuq il-mejda tal-magna. Kienu qabdu l-folja f'tarf kull wieħed b'dan illi l-akkużat kien fuq in-naħa tax-xellug filwaqt li l-vittma kien fuq in-naħa tal-lemin tal-magna. Hekk kif poġġewha fuq il-mejda, il-vittma mar jgħafas pedala, li tinstab fuq barra mill-barriera, biex jattiva l-mekkaniżmu tas-*suction*. L-akkużat qal li ra lill-vittma jgħalaq ix-xatba warajh u jagħfas il-pedala. Kif għafasha u l-magna għamlet il-ħoss tal-operat tal-*vacuum*, l-akkużat saqsa lill-vittma "OK?" u l-vittma qallu "orrajt". L-Akkużat reġa saqsieh għat-tieni darba u l-vittma qallu "OK" u anke għamillu "t*humbs up*. Waqt li kien qed isaqsih jekk hux OK, l-akkużat kien diġà fuq il-*console* tal-magna u ra li l-vittma kien fuq barra tal-barriera. Kif ra lill-vittma jagħmillu *thumbs up*, l-akkużat għafas il-buttuna biex tibda l-magna.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatt li l-vittma kien jinsab barra mill-barriera fl-istanti ta' qabel ma bdiet taħdem il-magna ġie korroborat ukoll mix-xhud Clinton Formosa li qal li meta rahom, l-akkużat kien viċin il-*console* u l-vittma kien fuq barra tal-barriera. Formosa kkorrabora wkoll il-fatt li l-akkużat saqsa lill-vittma jekk hux kollox sew, peress li semgħu jgħid dan il-kliem u wara sema' l-magna tinxtegħel.

[23] Ara x-xhieda ta' David Peter Bundell mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-23 ta' Mejju 2016, a fol. 622 fl-Atti tal-*in genere*,

Illi din hija magna li ladarba tinxtegħel tibda taħdem waħedha b'mod awtomatiku u skont id-disinn mogħti lilha. Hekk kif tkun għaddejja bix-xogħol tagħha, l-unika mod ta' kif tintefa' huwa jekk xi ħadd jagħfas il-buttuna tal-emerġenza jew jekk tinfetaħ ix-xatba tal-barriera. F'dan il-każ kien propju t-tgħafis tal-buttuna tal-emerġenza li waqqaf l-operat tagħha.

Mill-provi prodotti jirriżulta ampju li fl-istanti ta' qabel ma nxtegħlet il-magna, il-vittma kien fiżikament barra l-barriera, anke għax kien hu stess li għafas il-buttuna tas-*suction* li tinstab barra l-barriera. Ġie ppruvat ukoll li waqt li kien ħdejn il-*console*, l-akkużat kellu viżwal tajjeb tal-magna u tal-vittma, tant li raħ barra l-barriera u raħ itiħ "*thumbs up*" waqt li staqsieħ ukoll, għal darbtejn, jikkonferma jekk hux kollox kien sew. Kien biss wara li l-akkużat aċċerta ruħu mis-sigurtà tal-vittma li xegħel il-magna. Il-prosekuzzjoni, min-naħa tagħha, ma ressqet ebda prova li b'xi mod tikkontradiċi din il-verżjoni tal-fatti mogħtija kemm mill-akkużat kif ukoll minn Clinton Formosa u ma tressqet ebda prova probatorja, jew saret kostatazzjoni mill-esperti fl-*in ġenere,* li poġġiet lill-vittma ġewwa l-barriera.[24]

Illi fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabiltà tal-operatur ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 fil-każ ta' magna li taħdem b'mod awtomatiku, issib il-qofol tagħha fil-mumenti li jwasslu sakemm tinxtegħel il-magna. L-operatur irid jassikura ruħu li qabel ma tinxtegħel il-magna u fil-mument li tinxtegħel, ma jkun hemm periklu għall-ebda persuna fil-viċinanzi. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-obbligu l-akkużat wettqu billi aċċerta ruħu kemm viżwalment mal-vittma u anke staqsieħ darbtejn direttament jekk hux kollox kien sew qabel ma xegħel il-magna.

---

[24] Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għar-rapport tal-uffiċjal tal-Awtorità Kevin Gauci fejn minkejja li fil-konklużjoni tiegħu jgħid li "*Il-vittma ġie ikkonstatatli fil-ħin tal-accident kien qiegħed l-ġewwa mill-grada meta s-Sur Blundell għamel sinjal lill-vittma biex jgħidlu li kollok OK ma l-istess Blundell ma setax jidentifika li jekk fir-realta il-vitma kienx barra jew ġewwa*." fil-parti tal-Fatti miġbura fl-istess rapport hemm indikat "Is-sur Blundell spjega kif huwa ra lill-vittma barra l-grada tal-magna".

Illi għalkemm tressqu provi fuq il-mumenti li wasslu għal qabel ma nxtegħelet il-magna, ma tressqux provi ta' x'seħħ fil-mumenti ta' wara li nxtegħlet il-magna sakemm seħħ l-inċident *de quo*. Għalkemm skont ix-xhieda ta' Clinton Formosa għaddew biss ftit sekondi, huwa żgur li bejn il-mument li nxtegħlet sakemm seħħ l-inċident, il-vittma rnexxielu jidħol ħdejn il-magna mingħajr ma jiftaħ ix-xatba. Li kieku din nfetħet, kieku l-magna kienet tieqaf topera. Il-Qorti hawnhekk tfakkar li l-barriera ma kienitx mad-dawra kollha tal-magna u l-parti ta' wara tagħha kienet aċċessibbli anke waqt l-operat tagħha.

Illi għalhekk, il-Qorti, filwaqt li tesprimi s-sogħba tagħha għal dan l-inċident traġiku u sfortunat, ma tarax li l-akkużat naqas mill-obbligi imposti fuqu mill-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **David Peter Blundell mhux <u>ħati</u>** tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u konsegwentement qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur